MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2009

Avviz Numru. 388/2009

**Go p.l.c. (C22334)**

**Vs**

**Rainbow Concrete Ltd u b'digriet tad-29 ta' Marzu, 2011 giet ordnata korrezzjoni fl-isem tas-socjeta' ntimata fis-sens li ghandu jinqara 'Rainbowmix Concrete Limited(C6763)'[1]**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-sittax (16) t'Ottubru 2009, permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet lil Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma t'erbat elef disgha mija u hdax-il euro u tlieta u sebghin euro centesmu (€4911.73) liema somma tirrapprezenta ammont minnha dovut in konnessjoni ma servizzi telefonici bin-numri 21436375 u 21436380 (AC 40071670).

---

[1] Mizjuda llum 13 ta' Mejju, 2011.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-presenti, tal-ittra ufficcjali bir-referenza 3666/09 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta konvenuta dekorrendo mit-tlettax (13) ta' Lulju 2009 data tal-fuq citata ittra ufficcjali, li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat illi s-socjeta konvenuta kienet debitament notifikata bir-rikors in kwistjoni permezz ta' riferta posittiva tal-Marixxal Rita Galea datata sebgha w ghoxrin (27) t'Ottubru 2009 a fol. 23 tal-process.

Illi fis-seduta tas-sebgha w ghoxrin (27) ta' Novembru 2009 is-socjeta attrici pprezentat Kapitolu fil-konfront tas-socjeta konvenuta.

Rat illi fis-seduta tas-sebgha w ghoxrin (27) ta' Novembru 2009 is-socjeta konvenuta giet imsejjha diversi drabi izda baqghet ma dehritx, la biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi 'n subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat li t-talba attrici hija gustifikata u d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tas-socjeta attrici timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erbat elef disgha mija u hdax-il euro u tlieta u sebghin euro centesmu (€4911.73) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjes kontra s-socjeta konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------